MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1347/2005

**Korporazzjoni ghas-servizzi ta` l-Ilma**
**f'isimha proprju u ghan-nom ta` l-Enemalta**

**vs**

**Doris Fenech u b'digriet ta` l-24 ta' April, 2006, giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Helen Giulivo u b'digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Mejju, 2006, giet ordnata l-kjamata fil-kawza wkoll ta' Carmel Giusti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet lill-konvenuta l-hlas ta' kontijiet pendenti ghall-konsum ta' ilma u kera ta *'meter'* ta' l-ilma u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' *'meter'* ta' l-elettriku, li jammontaw ghal tmien mija, disgha u ghoxrin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€829.86) *ossia* (Lm356.26), fil-fond Parisio

House, Triq Nazju Ellul, Gzira, skond il-kont numru 385531043 u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC2).

Bl-ispejjez inkluzi €57.70 (LM24.77), dawk ta` l-ittra ufficjali tal-25 ta’ April, 1995, 26 ta’ Jannar, 2000 u dik ta` l-10 ta’ Jannar, 2005 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Illi fir-risposta tal-konvenuta giet sollevata illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta u dan skond l-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili (ara kopja ta` l-ittra mibghuta mill-Korporazzjoni attrici rigward il-perjodu li tieghu qieghed jintalab il-hlas).

Bla pregudizzju, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra illi b’digriet ta` l-24 ta’ April, 2006, giet ordnata l-kjamata in kawza ta’ Helen Giulivo u b’digriet tat-Tribunal tat-3 ta’ Mejju, 2006 giet ordnata l-kjamata fil-kawza wkoll ta’ Carmel Giusti.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza fejn sollevaw illi fl-ewwel lok, illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta` l-artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minghajr pregudizzju ghall-premessi illi l-eccipjenti m’ghandhom jaghtu xejn lill-attrici u in oltre l-esponenti lanqas biss ghandu relazzjoni guridika ma` l-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti pprezentati fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` x-xhieda ta’ Carmen Fresta u Doris Fenech.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ kont ta’ ilma u elettriku lill-Korporazzjoni attrici, liema talba qieghda tigi kkontestata a tenur tal-preskrizzjoni u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-mertu qieghed jigi wkoll ikkontestat.

Illi rigward il-mertu, il-kont pendenti qieghed fuq isem il-konvenuta li hija sid il-fond *‘Parisio House’,* Triq Nazju Ellul, Gzira. Jidher illi skond ftehim ta’ kera, l-inkwilini fil-perjodu tal-kontijiet pendenti kienu l-kjamati in kawza, Carmel Giusti u Helen Giulivo. Illi skond il-provi migjuba jidher illi *‘transfer’* ufficcjali qatt ma gie ffirmat mill-konvenuta u trasferit ghal fuq il-kjamati in kawza, ghalhekk il-kont baqa’ jghajjat lill-konvenuta Doris Fenech.

Illi fix-xhieda ta’ Doris Fenech hija ssostni illi ghalkemm ma kienx hemm ebda trasferiment il-kontijiet kienu jintbaghatu direttament ghand l-inkwilini u mhux lilha.

Illi jidher illi l-kontijiet mitluba mill-Korporazzjoni attrici jirrisalu mill-1990 sa Lulju, 2005, skond dokumentazzjoni pprezentata. Illi fil-25 ta’ April, 1995, giet ipprezentata ittra ufficjali fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li nterrompiet il-preskrizzjoni, illi fis-26 ta’ Jannar, 2000, giet ipprezentata ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati li regghet interrompiet il-preskrizzjoni fit-8 ta’ Marzu, 2000. Illi fl-10 ta’ Jannar, 2005, giet ipprezentata ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati, u jidher illi fil-31 ta’ Jannar, 1995, ir-riferta kienet negattiva u sussegwentement l-attrici giet notifikata fis-26 ta’ Mejju, 2005.

Illi l-perjodu koncess bil-ligi ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kien jaghlaq fit-8 ta’ Marzu, 2005, id-data ta` l-ittra ufficjali ta’ qabel. Jidher illi l-l-att gudizzjarju gie servut fis-26 ta` Mejju, 2005 u cioe’ wara **x-xahar** zmien koncess bil-ligi mid-data tan-notifika ta` l-ahhar ittra ufficjali, u ghalhekk ma kienx hemm ebda interruzzjoni ta’ preskrizzjoni (Art. 2130(1), Kap. 16 tal-ligi ta’ Malta).

Ra illi b'digriet ta` l-24 ta' April, 2006, giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Helen Giulivo u b'digriet tat-Tribunal, tat-3 ta' Mejju, 2006, giet ordnata l-kjamata fil-kawza wkoll ta' Carmel Giusti. It-Tribunal jinnota illi z-zewg talbiet saru mill-konvenuta.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuta ghalkemm eccepiet il-preskrizzjoni ghazlet illi ssejjah kjamati fil-kawza, it-Tribunal jidhirlu illi qabel ma jissejhu l-kjamati in kawza u jidhlu f'aktar spejjez kellha tinsisti illi t-Tribunal jiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, partikolarment meta din l-eccezzjoni tqajmet fir-risposta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara li in kwantu ghat-talba quddiem dan it-Tribunal jidhirlu illi din hija preskritta peress illi l-ittra ufficjali ma gietx servuta fil-perjodu koncess mil-ligi u m'ghandux jiddeciedi oltre dwar il-mertu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kjamati in kawza a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------